**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**5/18**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li saret fid-9 ta' Awissu, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skużati:**

Sur Carmel Camilleri – Kunsillier għaliex jinsab imsiefer.

**Agenda: Skeda ta' pagamenti 26 ta' Mejju, 2011 sa 9 ta' Awissu, 2011**

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fil-5.40pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Is-Sindku spjega l-urġenza tal-laqgħa sabiex jiġu konsidrati l-pagamenti u wara li jiġu approvati jkun hemm il-pagamenti.

Is-Sindku spjega wkoll illi l-Kunsill kien qed jistenna tweġiba mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Onorarja tal-Kunsillieri.

**Xiri ta' qronfol**

Is-Sur Stephen Sultana staqsa fejn intuża dan il-qronfol.

Is-Sindku wieġeb li dan intuża fi Ġnien Romeo Romano.

**Xkejjer fi Ġnien Romeo Romano**

Is-Sur Edwin Formosa qal li fil-fehma tiegħu ra xi sitt xkejjer li fihom il-patata u ma xtaqx li fil-ġnien ikun hemm xi forma ta' ħidma li ma tkunx fil-kompetenza tal-Kunsill għaliex dan jista' jkun xi abbuż.

Is-Sindku wieġeb li kien sejjer jinvestiga dan għaliex huwa qatt ma ra xi xkejjer tal-patata fil-Ġnien Romeo Romano.

**Rifużjoni ta' flus imħallsa żejda dwar ċitazzjoni**

Is-Sur Stephen Sultana qal li kien qed joġġezjona dwar ir-rifużjoni ta €58 peress li fil-fehma tiegħu il-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 kienet nulla u li huwa kien sejjer jirraporta dan lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien qed jitlob li jagħmel laqgħa mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex juri kull evidenza li din il-laqgħa saret skond il-liġi u li l-proċeduri kollha ġew osservati sew qabel il-laqgħa, kemm waqt il-laqgħa u għalhekk id-deċizjonijiet li ttieħdu waqt din il-laqgħa huma kollha validi u għandhom jiġu eżekwiti.

F'dan l-istadju s-Sur Stephen Sultana talab li jittieħed vot dwar il-proposta tiegħu li l-ammont ta €58 ma jitħallasx lura peress li fil-fehma tiegħu l-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 kienet nulla u bla effett.

Il-proposta tas-Sur Stephen Sultana marret għal vot.

Dawk favur: Sur Stephen Sultana
Sur Edwin Formosa
Sur Cleaven Christian Bugeja

Dawk kontra: Sur Horace J. Anastasi
Sur Ronald Briffa
Sinj. Mariella Micallef

Astenzjonijiet: xejn

Casting Vot: Sindku Horace J. Anastasi
Riżultat: 3 Voti favur
4 Voti kontra
Il-proposta tas-Sur Stephen Sultana ma għaddietx.

Wara li l-proposta ma għaddietx is-Sur Stephen Sultana baqa' jinsisti li l-oġġezjoni tiegħu kienet li d-deċizjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed tiġi injorata.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qiegħed f'pozizjoni li juri bil-provi li l-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, 2011 hija korretta u valida f'kull rispett.

**Servizz tat-Trasport lid-Day Centre**

Saret diskusjoni dwar kif il-Kunsill jista' jassigura li ma jkunx hemm ħela u nefqa bla bżonn dwar dan is-servizz speċjalment fix-xhur tas-Sajf.

Għandhom jinkisbu l-ismijiet tal-persuni li jużaw it-trasport u l-bżonnijiet speċjali sabiex isir ko-ordinament aħjar dwar dan it-trasport u jiġu ffrankati l-flus.

**Approvazjoni ta' l-iskeda ta' pagamenti tal-perjodu 26 ta' Mejju, 2011 sad-9 ta' Awissu, 2011**

Din l-iskeda li għandha ammont ta €74,906.29 ġiet approvata u ġiet iffirmata mis-Sindku Horace J. Anastasi, Viċi Sindku Sur Ronald Briffa, l-Kunsilliera Mariella Micallef u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Sur Joseph M. Formosa.

**Għeluq tal-laqgħa**

Peress li materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.45pm Sine die.

Joseph M. Formosa — Horace J. Anastasi
Agent Segretarju Ezekuttiv — Sindku